

Brussell, 26 ta' Mejju 2021
(OR. en)

8923/21

ENER 194
CLIMA 116
ENV 321
IND 136
COMPET 376
RECH 227
TRANS 308
ECOFIN 457

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti
Nru. dok. preċ.	8080/1/21 REV 1
Suġġett:	Tħejjija tal-laqgħa tal-Kunsill (Trasport, Telekomunikazzjoni u <u>Enerġija</u>) tal-11 ta' Ġunju 2021 Konklużjonijiet dwar mewġa ta' rinnovazzjoni li ssewwi l-ekonomija issa, u toħloq bini ekoloġiku għall-futur - Approvazzjoni

1. Fl-14 ta' Ottubru 2020, il-Kummissjoni ppreżentat l-istrateġija strateġika tagħha intitolata Mewġa ta' Rinnovazzjoni għall-Ewropa - l-ekoloġizzazzjoni tal-binjiet tagħna, il-ħolqien tal-impjiegi, it-titjib tal-ħajja. L-istrateġija għandha l-għan li tintensifika l-isforzi ta' rinnovazzjoni madwar l-Ewropa, sabiex tagħti l-kontribut meħtieġ mis-settur tal-bini għall-oġettiv tan-newtralità klimatika fl-UE sal-2050 u biex twassal għal tranżizzjoni ekoloġika ġusta u ekwa. L-istrateġija tirrikonoxxi wkoll ir-rwol ċentrali tar-rinnovazzjoni tal-bini fil-proċess ta' rkupru ekonomiku mill-pandemija tal-COVID-19.
2. Il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Enerġija ddiskuta l-istrateġija fid-dettall f'Ottubru 2020 u Jannar 2021. Abbażi tal-eżitu ta' dawk id-diskussjonijiet il-Presidenza ppreżentat abbozz ta' konklużjonijiet, li ġie diskuss b'mod estensiv f'diversi laqgħat tal-grupp ta' ħidma minn Frar sat-18 ta' Mejju 2021. It-test tal-konklużjonijiet fl-Anness jirrappreżenta r-riżultat ta' din il-ħidma u għandu appoġġ wiesa' tad-delegazzjonijiet kollha.

3. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden japprova l-abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill meħmuż u jgħaddih lill-Kunsill għall-approvazzjoni fil-laqgħa tiegħu tal-11 ta' Ġunju 2021.
-

ABBOZZ TA' KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL

dwar mewġa ta' rinnovazzjoni li ssewwi l-ekonomija issa, u toħloq bini ekoloġiku għall-futur

FILWAQT LI JFAKKAR

li fil-konklużjonijiet tiegħu tat-12 ta' Diċembru 2019 (EUCO 29/19), il-Kunsill Ewropew approva l-oġġettiv li tinkiseb Unjoni Ewropea b'impatt newtrali fuq il-klima sal-2050, f'konformità mal-oġġettivi tal-Ftehim ta' Pariġi;

li fil-konklużjonijiet tiegħu tal-11 ta' Diċembru 2020 il-Kunsill Ewropew approva mira aġġornata u aktar ambizzjuża tal-UE ta' tnaqqis domestiku nett ta' mill-inqas 55 % tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra sal-2030 meta mqabbel mal-livelli tal-1990;

li l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni COM (2019) 640 dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew enfasizzat li r-rata attwali ta' rinnovazzjonijiet ser ikollha bżonn tal-inqas tirdoppja sabiex jinkisbu l-oġġettivi tal-UE dwar l-effiċjenza fl-enerġija u l-klima;

li l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni COM (2020) 98 dwar Pjan ta' Azzjoni ġdid dwar l-Ekonomija Ċirkolari għal Ewropa aktar nadifa u aktar kompetittiva enfasizzat li l-kostruzzjoni u l-bini huma waħda mill-ktajjen tal-valur tal-prodotti ewlenin li joħolqu sfidi ta' sostenibbiltà li jeħtieġu azzjoni urġenti, komprensiva u kkoordinata;

li l-Kunsill TTE (Enerġija) fil-konklużjonijiet tiegħu tal-25 ta' Ġunju 2020 dwar ir-rispons għall-pandemija tal-COVID-19 fis-settur tal-enerġija tal-UE rrikonoxxa li l-mewġa ta' rinnovazzjoni tista' tikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-irkupru ekonomiku u rrikonoxxa l-potenzjal tar-rinnovazzjonijiet tal-bini għall-effiċjenza enerġetika u l-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli lokali;

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA:

1. JILQA' l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-14 ta' Ottubru 2020 dwar mewġa ta' rinnovazzjoni għall-Ewropa, u JIRRIKONOXXI r-rwol kruċjali li r-rinnovazzjonijiet tal-bini jista' jkollhom fl-irkupru ekonomiku mill-kriżi tal-COVID-19 u fid-dekarbonizzazzjoni tal-istokk tal-bini Ewropew u l-pjan direzzjonali tal-Patt Ekoloġiku għal tranżizzjoni ġusta u inklużiva lejn in-newtralità klimatika sal-2050.
2. JINNOTA r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-faqar enerġetiku, u JIRRIKONOXXI r-rwol importanti li r-rinnovazzjonijiet tal-bini jista' jkollhom fit-tnaqqis tan-nefqa għall-enerġija ta' unitajiet domestiċi f'sitwazzjoni ta' faqar enerġetiku u fit-titjib tal-kwalità tal-ħajja tal-Ewropej kollha.
- 2a. JIRRIKONOXXI li l-użu u t-tħaddim tal-bini huma responsabbli għal madwar 40 % tal-konsum totali tal-enerġija tal-UE, u għal 36 % tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra relatati u li huwa meħtieġ sforz sinifikanti minn dan is-settur sabiex l-Unjoni tilħaq il-mira tagħha li tnaqqas l-emissjonijiet ta' gassijiet serra b'mill-inqas 55 % sal-2030 meta mqabbla mal-livelli tal-1990 u l-oġettiv tan-newtralità klimatika sal-2050.
3. JAGĦRAF il-ħtieġa li tal-inqas jiġu rdoppjati r-rati ta' rinnovazzjoni relatati mal-enerġija sal-2030 u li jiġu promossi rinnovazzjonijiet profondi tal-enerġija, li jtejbu r-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija u joħolqu ffrankar tal-enerġija u tal-ispejjeż, jippromwovu s-sostituzzjoni tal-konsum intensiv tal-karbonju b'enerġija rinnovabbli u jikkontribwixxu għat-titjib u l-immodernizzar tal-istokk tal-bini, filwaqt li jittieħed kont taċ-ċirkostanzi nazzjonali, reġjonali u lokali; u JIRRIKONOXXI li, sabiex jiġi massimizzat it-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra fis-settur tal-bini kollu kemm hu, maż-żieda massiva fir-rinnovazzjonijiet, profondi u parzjali fejn xieraq, għandu jkun hemm approċċ ċirkolari u taċ-ċiklu tal-ħajja għall-użu u l-użu mill-ġdid ta' materjali, l-inkorporazzjoni ta' materjali sekondarji u Prattiki u teknoloġiji ta' kostruzzjoni sostenibbli, inkluż materjali li nkisbu, ġew prodotti jew huma disponibbli b'mod sostenibbli.

4. JAQBEL mal-fehma olistika meħuda fil-Komunikazzjoni dwar mewġa ta' rinnovazzjoni, li tqis in-newtralità klimatika, l-irkupru ekonomiku, l-inklużjoni u l-aċċessibbiltà soċjali, l-effiċjenza fir-riżorsi u ċ-ċirkolarità, kif ukoll is-saħħa, l-istandards ambjentali, il-mitigazzjoni tal-klima, l-adattament u d-diġitalizzazzjoni; JIRRIKONOXXI l-importanza tal-integrazzjoni ta' dawn l-elementi fil-livell tal-viċinat, tal-komunità, tad-distrett, tal-belt u tar-reġjun; u JINNOTA li din il-fehma olistika għandha tiġi estiża u marbuta b'mod aktar intrinsiku ma' politiki pubbliċi oħra rilevanti għar-rinnovazzjonijiet, bħall-infrastruttura u l-ippjanar urban, it-trasport, il-ġestjoni tal-ilma u tal-iskart, is-sikurezza kontra n-nirien, il-protezzjoni kontra attivitajiet siżmiċi u diżastri naturali oħra, ir-riċerka, l-involviment taċ-ċittadini, l-appoġġ soċjali, l-edukazzjoni, l-impjiegi u t-taħriġ professjonali, sabiex jiġi żgurat li dawn il-politiki jappoġġaw u jippromwovu lil xulxin tul il-katina tal-valur tar-rinnovazzjoni;
5. JENFASIZZA b'mod partikolari, fost il-prinċipji tar-rinnovazzjoni tal-bini, il-prinċipju "l-effiċjenza enerġetika tiġi l-ewwel", bħala element ewlieni fi strateġija biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra biex jintlaħaq ambjent mibni b'impatt newtrali fuq il-klima, li jenħtieġ li jiġi implimentat bħala prinċipju gwida orizzontali fis-setturi kollha, f'konformità mar-Regolament dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika.

Dwar il-finanzjament u l-investment

6. JENFASIZZA li, sabiex jiġu indirizzati l-isfidi ta' investment partikolari li jiġu ffaċċjati fis-settur tal-bini u biex is-sidien tal-bini jingħataw l-inċentiv biex jirrinnovaw, iridu jinħolqu u jiġu żviluppati sinerġiji biex jiġu kkombinati l-investimenti pubbliċi u privati u l-iskemi ta' finanzjament fil-livell Ewropew, nazzjonali, reġjonali u lokali, u jridu jiġu identifikati sinerġiji mal-proċeduri amministrattivi. JISSOTTOLINJA l-importanza li jiġi pprovdut finanzjament għall-assistenza teknika u għall-iżvilupp tal-proġetti biex jingħelbu l-ostakli għar-rinnovazzjoni tal-bini.

7. JIRRIKONOXXI l-opportunità kruċjali offruta mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza biex jiġu mobilizzati l-investimenti u jiġu prijoritizzati r-rinnovazzjonijiet tal-bini u l-assistenza teknika fil-Pjanijiet għar-Reżiljenza u l-Irkupru taħt il-qasam ewlieni tar-Rinnovazzjoni u JINNOTA r-rwol kontinwu tal-istrumenti tal-politika ta' koeżjoni, riċerka u innovazzjoni, l-aġenziji u istituzzjonijiet ta' finanzjament u b'mod partikolari l-BEI fl-appoġġ għar-rinnovazzjonijiet u d-dekarbonizzazzjoni fit-tul.
8. JENFASIZZA li għandha titkompla l-ħidma sabiex jiġu estiżi u kkombinati l-opzjonijiet ta' finanzjament disponibbli għar-rinnovazzjonijiet tal-bini, bħas-sussidji ekoloġiċi, l-inċentivi tat-taxxa u tas-self ekoloġiku, il-bonds ekoloġiċi, l-iskemi ta' obbligi ta' ffrankar tal-enerġija, il-finanzjament fuq il-kont, il-kumpanniji tas-servizzi tal-enerġija (ESCOs) u l-kuntratti tal-prestazzjoni tal-enerġija, u kuntratti ta' prestazzjoni relatati ma' riżorsi oħra (pereżempju l-ilma, il-materjali), li jagħtu liċ-ċittadini u lin-negozji aċċess għal opportunitajiet ta' finanzjament varjati u flessibbli (kemm pubbliċi kif ukoll privati) u jimminimizzaw ir-riskji reali u perċepiti assoċjati mar-rinnovazzjonijiet.
9. JISSOTTOLINJA l-ħtieġa li l-azzjoni tiġi allinjata aħjar, tiġi pprovduta assistenza teknika u jiġu ssimplifikati l-proċeduri fil-livell Ewropew, nazzjonali, reġjonali u lokali sabiex jiġu mobilizzati malajr il-fondi meħtieġa, jiġu indirizzati l-ostakli possibbli u jiġu implimentati proġetti ta' rinnovazzjoni fuq il-post.
10. JIDENTIFIKA l-ħtieġa, flimkien ma' finanzjament effettiv u attraenti, għal komunikazzjoni mmirata u informazzjoni mfassla apposta għall-benefiċjarji potenzjali sabiex jingħeleb l-ostaklu inizjali għat-teħid tad-deċiżjonijiet, u JENFASIZZA f'dan il-kuntest l-importanza tal-approċċi fil-livell tal-viċinat, tad-distrett u tal-belt u l-ħolqien ta' punti uniċi ta' servizz li jservu bħala sors ta' konsulenza indipendenti u aċċess għall-finanzjament u li jibqgħu disponibbli tul il-proġetti ta' rinnovazzjoni.

11. JAPPOĠĠA rinnovazzjonijiet ta' kwalità għolja li jiffokaw fuq ir-rendiment fl-użu tal-enerġija, it-trawwim tal-effiċjenza enerġetika u soluzzjonijiet rinnovabbli b'mod kosteffettiv, u jintroduċu mentalità li tqis iċ-ċiklu tal-ħajja u ċ-ċirkolarità, jinkorporaw kwalità ambjentali, arkitettonika u tal-inġinerija għolja, jappoġġaw l-użu ta' materjali prodotti lokalment u sostenibbli, iqisu l-isparju u l-infrastruttura meħtieġa għall-mobbiltà sostenibbli, is-salvagwardja tal-wirt kulturali, il-protezzjoni tal-klima, l-istandards tas-saħħa u s-sikurezza, inkluż fatturi bħall-kwalità tal-arja ta' ġewwa, il-protezzjoni mill-istorbju, il-kumdità termali, l-alternattivi tal-arja kundizzjonata, ir-rabta bejn l-ilma u l-enerġija, l-effiċjenza fl-użu tal-ilma, is-sikurezza kontra n-nirien u l-protezzjoni kontra attivitajiet siżmiċi u diżastri naturali oħra.
12. JENFASIZZA b'mod partikolari l-ħtieġa għal aktar ċirkolarità u standardizzazzjoni fl-elementi industrijali u installati fuq il-post għall-proċessi ta' rinnovazzjoni, id-disinn tal-bini u l-prattiki fuq is-sit użati fir-rinnovazzjonijiet – żvilupp li jnaqqas l-ispejjeż u jnaqqas il-ħin u l-isforz tar-rinnovazzjoni u joffri opportunitajiet għall-ħolqien ta' impjiegi ġodda u sostenibbli.
- 12a. JAFFERMA l-importanza li jiġu indirizzati kemm il-mitigazzjoni kif ukoll l-adattament f' bini u infrastrutturi pubbliċi u privati. It-tiżiħ tal-isforzi fuq bini reżistenti għall-klima u reżiljenti, il-prevenzjoni u t-tħejjija huma kruċjali, peress li t-tibdil fil-klima ser ikompli jgħallq sfidi sinifikanti għall-Ewropa minkejja l-isforzi ta' mitigazzjoni, u sabiex jintlaħaq l-oġettivi ta' reżiljenza għat-tibdil fil-klima u emissjonijiet żero netti sal-2050.
13. ITENNI l-prinċipju li l-effiċjenza enerġetika tiġi l-ewwel u l-importanza tat-tnaqqis tad-domanda għall-enerġija, pereżempju permezz tal-iżolament tal-bini u sistemi ta' tiżiħ u tkessiħ effiċjenti fl-enerġija, flimkien ma' miżuri u għodod oħra. Fir-rigward ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli u t-tiżiħ u t-tkessiħ effiċjenti fil-bini, JISSOTTOLINJA li l-punt tat-tluq għar-rinnovazzjonijiet kollha għandu jkun it-tnaqqis kosteffiċjenti tad-domanda għall-enerġija u s-sostituzzjoni ta' teknoloġiji ta' tiżiħ u tkessiħ li jużaw ħafna karbonju jew huma ineffiċjenti fl-użu tal-enerġija sal-2030 f'konformità mal-Pjanijiet Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima (NECPs) u l-Istrateġiji ta' Rinnovazzjoni fit-Tul (LTRS), l-integrazzjoni ta' soluzzjonijiet effiċjenti fl-enerġija u l-użu ta' enerġija rinnovabbli, ta' sħana jew ta' kesħa mormija.

14. JENFASIZZA l-potenzjal tar-rinnovazzjoni tal-bini għall-użu ta' enerġija rinnovabbli prodotta lokalment, ta' sħana u kesħa mormija, u ta' tisħin u tkessiġ distrettwali, u JIRRIKONOXXI, minbarra l-kontribut deċiżiv li l-effiċjenza enerġetika u s-sorsi ta' enerġija rinnovabbli jistgħu jagħtu għad-dekarbonizzazzjoni tat-tisħin u t-tkessiġ, il-potenzjal għall-integrazzjoni ta' aspetti rilevanti oħra, bħar-riżorsi rinnovabbli, l-użu mill-ġdid tal-ilma domestiku mormi mingħajr drenaġġ, l-infrastruttura ekoloġika u l-bijodiversità, il-ġbir tal-ilma tax-xita u l-irkupru ta' materjali. JIRRIKONOXXI, fost l-oħrajn, l-importanza li jiġu żviluppati networks effiċjenti ta' tisħin u tkessiġ distrettwali sabiex jiżdied l-użu tal-enerġija rinnovabbli fil-bliet.
- 14a. JENFASIZZA li pjanijiet direzzjonali volontarji għar-rinnovazzjoni tal-bini jistgħu jkunu għodda effettiva biex titqajjem kuxjenza fost is-sidien tal-bini dwar l-investimenti meħtieġa fis-snin u fid-deċennji li ġejjin biex jallinjaw ir-rendiment fl-użu tal-enerġija u l-emissjonijiet ta' gassijiet serra mal-miri tal-enerġija u tal-klima.
15. IFAKKAR li l-approċċi koordinati fil-livell tal-viċinat, tad-distrett u tal-belt għar-rinnovazzjoni, li għandhom impatt aktar sinifikanti fuq ir-rinnovazzjonijiet bi prezz potenzjalment aktar baxx u jistgħu jiffaċilitaw il-bidla mill-fjuwils fossili u joħolqu aktar sigurtà tal-investimenti kif ukoll effiċjenzi tas-sistema fuq skala akbar, għandhom jissaħħu b'mod partikolari.
16. JENFASIZZA dwar l-importanza tal-iżvilupp tal-Bauhaus Ewropew Ġdid għall-promozzjoni ta' soluzzjonijiet ta' disinn arkitettoniku u ta' materjali innovattivi, inklużivi, affordabbli, effiċjenti fl-użu tal-enerġija u sostenibbli li jużaw materjali lokali, naturali, sostenibbli, rinnovabbli, li jistgħu jerġgħu jintużaw u riċiklabbli kull meta jkun possibbli, u b'hekk jikkontribwixxu għat-tnaqqis tal-emissjonijiet u tad-domanda għall-enerġija u għall-kisba ta' tranżizzjoni ġusta.

Dwar l-irkupru ekonomiku u t-tkabbir ekoloġiku

17. JISSOTTOLINJA l-ħtieġa għal azzjoni rapida u trasformattiva f'diversi setturi tal-ekonomija sabiex jiġu sfruttati l-opportunitajiet uniċi ta' finanzjament u ta' investiment u jiġi sfruttat il-potenzjal tat-tkabbir offrut mill-mewġa ta' rinnovazzjoni; u JISĦAQ li ż-żieda meħtieġa fir-rinnovazzjonijiet tista' titwettagħ biss permezz ta' suq attiv u mobilizzat li jikseb il-forza tax-xogħol addizzjonali, l-għarfien espert u profili ġodda ta' impjiegi previsti, appoġġati mit-

taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet tal-ħaddiema ffukati fuq teknoloġiji ekoloġiċi u diġitali ġodda.

18. IQIS li, sabiex jiġi żgurat impatt wiesa' u pożittiv fuq l-ekonomija, huwa kruċjali li jiġu mħeġġa s-setturi industrijali li huma involuti fit-trasformazzjoni grazzi għar-rwol tagħhom fl-iżvilupp ta' teknoloġiji għall-futur u fl-ġħoti ta' aċċess għat-tagħmir u l-materjali meħtieġa; u JENFASIZZA r-rwol importanti tar-riċerka u l-innovazzjoni fil-kummerċjalizzazzjoni ta' soluzzjonijiet affordabbli, faċli biex jiġu installati, prefabbrikati u soluzzjonijiet standardizzati oħra li jagħmlu r-rinnovazzjonijiet tal-massa aktar rapidi u inqas ta' piż.

Dwar il-qafas regolatorju tal-UE

19. JIRRIKONOXXI r-rwol importanti tal-ġħodod ta' ppjanar tal-politika fit-tul, b'mod partikolari l-NECPs, il-pjanijiet għall-effiċjenza fir-riżorsi u l-ekonomija ċirkolari, l-istrateġiji ta' rinnovazzjoni fit-tul, u l-importanza partikolari ta' pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza fl-ġħoti ta' impetu inizjali għal rinnovazzjonijiet effiċjenti fl-użu tal-enerġija u tar-riżorsi, inkluż il-produzzjoni fuq il-post ta' enerġija rinnovabbli u soluzzjonijiet ta' tisħin u tkessiħ rinnovabbli, bħall-pompi tas-sħana u t-tisħin u tkessiħ distrettwali, kif ukoll soluzzjonijiet siewja u utli oħra fil-qasam.
20. JENFASIZZA l-ħtieġa għal flessibbiltà fl-implimentazzjoni tal-miri nazzjonali għall-effiċjenza fl-enerġija u li jitħalla biżżejjed spazju għall-immanuvrar għall-Istati Membri, filwaqt li tiġi żgurata l-kisba f'waqtha tal-oġġettivi ta' politika, biex jittieħed kont tal-ispeċifiċitajiet nazzjonali tagħhom u biex jiġu definiti l-aktar mogħdijiet ta' politika kosteffiċjenti u effettivi għar-rinnovazzjoni u d-dekarbonizzazzjoni tal-istokk tal-bini tagħhom, inkluż il-faċilitazzjoni ta' proġetti pilota ta' politika jew ta' ambjenti ta' esperimentazzjoni fil-livell nazzjonali, reġjonali jew lokali.
21. JENFASIZZA li r-reviżjoni tar-regoli dwar l-ġħajnuna mill-Istat hija kruċjali biex jiġi amplifikat l-effett ta' inċentiv tal-iskemi ta' finanzjament pubbliku u l-potenzjal tagħhom li jilħqu proġetti ta' rinnovazzjoni.

22. JENFASIZZA l-ħtieġa li jittejbu l-kwalità u d-disponibbiltà tad-data dwar il-bini u l-użu tal-enerġija tiegħu, jiġifieri billi:

- tiġi vvalutata l-ħtieġa li jiġu estiżi l-kopertura u l-kamp ta' applikazzjoni taċ-ċertifikati tar-rendiment fl-użu tal-enerġija – fl-oqfsa regolatorji eżistenti – sabiex tiżdied l-influwenza tagħhom fuq id-deċiżjonijiet tas-sidien permezz tal-ġoti tas-setgħa lill-konsumaturi biex jirrinnowaw billi jżidu d-diġitalizzazzjoni u l-komparabbiltà;
- jiġu implimentati għodod volontarji bħall-indikatur tal-potenzjal ta' intelliġenza (SRI) skont id-Direttiva dwar ir-Rendiment tal-Bini fl-Użu tal-Enerġija;
- jittieħed benefiċċju mill-Osservatorju Ewropew tal-Istokk Immobiliari u d-data dwar l-istokk tal-bini disponibbli mill-Istati Membri, il-partijiet ikkonċernati u l-atturi tas-suq;
- jiġi promoss l-użu mifrux tal-qafas tal-UE għall-bini sostenibbli (Level(s)) u l-passaporti tar-rinnovazzjoni tal-bini; u
- jiġu promossi ċ-ċertifikati tar-rendiment fl-użu tal-enerġija, abbażi tal-liġi nazzjonali u/jew tal-UE, għall-bini li għandu l-għan li jtejjeb l-effiċjenza enerġetika u tar-riżorsi u r-rendiment ambjentali.

23. JIRRIKONOXXI li l-istabbiliment ta' standard ta' rinnovazzjoni profonda, jew li l-istandards minimi ta' rendiment fl-użu tal-enerġija jintrabtu mar-rinnovazzjonijiet li jikkonformaw mal-prinċipji tal-kosteffiċjenza, il-kompetittività, u n-newtralità teknoloġika, jistgħu, b'mod partikolari jekk ikunu akkumpanjati minn appoġġ finanzjarju u ta' konsulenza u skemi ta' taħriġ u kwalifiki għall-professjonisti tal-bini u tal-enerġija, li jikkombinaw għarfien settorjali integrat, ikunu mod effiċjenti biex jiġu żgurati rinnovazzjonijiet aktar estensivi. JENFASIZZA l-ħtieġa li jiġu introdotti u adattati dawn l-istandards għall-kondizzjonijiet u l-prijoritajiet speċifiċi tal-Istati Membri individwali, biex jiġu żgurati kostruzzjoni, rinnovazzjoni u għajxien affordabbli, fir-rigward ta' aspetti tekniċi bħall-kondizzjonijiet klimatiċi, id-disponibbiltà tar-riżorsi, l-istokk tal-bini, it-tiżhin u t-tkessiġ, u l-istruttura tas-sjieda, kif ukoll ta' aspetti soċjali bħall-appoġġ pubbliku, il-parteċipazzjoni pubblika, l-edukazzjoni u l-impjiegi.

24. JISSOTTOLINJA l-importanza ta' miżuri ta' ekodisinn, ambjentali u ta' tikkettar tal-enerġija fil-promozzjoni ta' soluzzjonijiet ta' tisħin u tkessiġ effiċjenti fl-użu tal-enerġija u r-riżorsi u l-iffaċilitar tat-tneħħija gradwali ta' apparat li jaħdem bil-fjuwils fossili bl-aktar mod kosteffiċjenti.
- 24a. JISSOTTOLINJA l-importanza li jitqiesu l-ħtiġijiet, il-flessibbiltà għall-Istati Membri u l-prinċipji msemmijin hawn fuq fir-reviżjoni li ġejjin tar-Regolament dwar il-Prodotti għall-Bini, id-Direttiva dwar l-Ekodisinn, id-Direttiva dwar l-Effiċjenza Enerġetika, id-Direttiva dwar ir-Rendiment tal-Bini fl-Użu tal-Enerġija u d-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli u inizjattivi dwar l-integrazzjoni tas-sistemi tal-enerġija.

Dwar il-qafas abilitanti għar-rinnovazzjonijiet

25. JIRRIKONOXXI l-ħtieġa li jiġu kkoordinati miżuri nazzjonali sabiex titthaffef ir-rinnovazzjoni u l-iżvilupp ta' teknoloġiji, u jiġu promossi l-koooperazzjoni u l-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki bejn l-Istati Membri.
26. JIRRIKONOXXI l-ħtieġa li jiġi promoss dejjem aktar approċċ ċirkolari fl-ekosistemi industrijali ewlenin li x'aktarx jaġixxu bħala aġenti importanti għall-bidla fil-mewġa ta' rinnovazzjoni, bħala riżultat tal-istatus tagħhom bħala fornituri potenzjali tal-materjali u t-teknoloġiji tal-bini l-aktar innovattivi sostenibbli, u JAPPELLA għall-iżvilupp ta' standard miftuħ għall-UE kollha għall-informazzjoni dwar il-kontenut ta' dawn il-materjali, u għall-iżvilupp ta' passaporti diġitali tal-prodotti li jippermettu li l-flussi tal-materjali jiġu traċċati, u b'hekk jiġi inkoraġġut l-użu ta' materjali aktar durabbli b'kontenut riċiklat oġġa li huma aktar faċli li jiżżarmaw jew li jiġu riċiklati meta jilhqgħu t-tmien tal-ħajja tagħhom, u jintużaw ktajjen tal-provvista qosra u doġoq, filwaqt li jittieħed kont tal-prinċipju "l-effiċjenza enerġetika tiġi l-ewwel".
27. JENFASIZZA l-benefiċċji multipli tad-diġitalizzazzjoni u l-integrazzjoni tas-sistemi tal-enerġija, b'mod partikolari fid-dijanostika tal-bini, il-ġbir awtomatizzat tad-data, l-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli u ta' effiċjenza enerġetika integrata, sistemi ta' rispons għad-domanda u flessibbiltà, u l-użu ta' soluzzjonijiet oħra tal-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi, tal-mobbiltà, tal-protezzjoni kontra t-tibdil fil-klima, tar-rendiment ambjentali u tal-aċċessibbiltà.

28. JAPPROVA l-oġġettiv li tingħata prijorità lir-rinnovazzjoni ta' bini viżibbli ħafna (bħal skejjel, sptarjiet, universitajiet, u infrastruttura soċjali oħra) u l-importanza li jiġu appoġġati l-unitajiet domestiċi, biex b'hekk jintlaħaq settur wiesa' tal-popolazzjoni u jittaffa l-piż finanzjarju kontinwu fuq il-konsumaturi vulnerabbli. Fl-istess waqt, JISĦAQ li fil-valutazzjoni tal-ħtieġa li jiġu rinnovati binjiet bl-aġġar rendiment, jeħtieġ li jiġu kkunsidrati wkoll fatturi bħal fejn tinsab il-proprjetà u l-valur tal-proprjetà, il-bidliet fil-popolazzjoni u l-introjt tal-abitanti.
29. JIRRIKONOXXI li għandhom jiġu stabbiliti standards għoljin ta' rinnovazzjoni għall-bini pubbliku, inkluż fir-rigward tal-ambjent, l-effiċjenza u l-iffrankar tal-enerġija, l-integrazzjoni tas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli, is-saħħa, il-mobbiltà sostenibbli u l-użu mill-ġdid tal-materjali, l-inkorporazzjoni tal-materjal sekondarju, u l-effiċjenza fl-użu tal-ilma, kull meta jkun possibbli, u JENFASIZZA b'mod partikolari r-rwol li jista' jkollhom ir-rinnovazzjonijiet pubbliċi eżemplari jew ir-rinnovazzjoni ta' bini ikoniku fl-involvement taċ-ċittadini, il-membri tas-servizz ċivili u l-utenti tal-bini, u b'hekk jiġi promoss approċċ parteċipatorju għall-mewġa ta' rinnovazzjoni.
30. JINNOTA l-kontribut importanti ta' linji gwida mħejjija tajjeb u faċli biex jiġu applikati għall-effiċjenza enerġetika u l-akkwist pubbliku ekoloġiku fis-sistemi attwali Ewropej u nazzjonali tal-akkwist pubbliku għas-suċċess tal-mewġa ta' rinnovazzjoni.
31. JINNOTA l-ħtieġa għal qafas ta' appoġġ komprensiv għal unitajiet domestiċi f'sitwazzjoni ta' faqar enerġetiku, jiġifieri dawk f'bini bi strutturi ta' sjieda kumplessi sabiex jiskattaw ir-rinnovazzjonijiet, fejn il-qafas ikun jinkludi miżuri ta' rinnovazzjoni sussidjati, self u garanziji mħalltin, tassazzjoni, regoli dwar il-kiri u punti uniċi ta' servizz biex jitnaqqas il-piż amministrattiv.

32. JENFASIZZA r-rwol li r-rinnovazzjonijiet jista' jkollhom biex itaffu l-faqar enerġetiku fit-tul biex tiġi żgurata l-affordabbiltà tal-enerġija għall-unitajiet domestiċi kollha inkluż l-ifqar okkupanti tal-bini, fost l-oħrajn billi jiġi indirizzat il-bini bl-aġar prestazzjoni. JILQA' l-promozzjoni ta' mudelli ta' impenn soċjali li jagħtu s-setgħa lir-residenti fir-rinnovazzjoni tad-distretti, bħala parti minn sħubijiet transsettorjali li jorbtu hom mal-atturi lokali, inkluż mill-ekonomija soċjali. JAPPELLA għal appoġġ speċifiku għar-rinnovazzjoni tal-bini bl-aġar prestazzjoni filwaqt li JIRRIKONOXXI li d-definizzjoni ta' faqar enerġetiku u tal-miżuri biex dan jiġi indirizzat, u l-istabbiliment ta' prioritajiet ta' rinnovazzjoni jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Istati Membri.
33. JENFASIZZA l-ħtieġa li l-forza tax-xogħol tiġi pprovduta b'opportunitajiet ta' taħriġ mill-ġdid u ta' titjib tal-ħiliet li jippermettu lill-persuni jaġġustaw u jiġu diretti mill-ġdid lejn fejn huma l-aktar meħtieġa, f'konformità mal-Aġenda għall-Ħiliet għall-Ewropa l-ġdida; u JISSOTTOLINJA b'mod partikolari l-importanza ta' skemi ta' taħriġ u kwalifiki għall-professjonisti tal-bini u l-enerġija, biex b'hekk jiġi kkombinat l-għarfien settorjali integrat.
- 33a. JENFASIZZA l-ħtieġa li tittejjeb l-implimentazzjoni tar-rekwiżiti tas-sikurezza u tas-saħħa fis-siti tal-kostruzzjoni inkluż il-faċilitajiet tal-assistenza soċjali u l-akkomodazzjonijiet tal-ħaddiema.
34. JAPPELLA lill-Kummissjoni biex:
- tappoġġa u tiffaċilita l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri fil-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki u tiffaċilita aktar l-aċċess għall-assistenza teknika, b'mod partikolari dwar ir-rinnovazzjoni tal-bini, l-akkwist ekoloġiku, u l-iskemi ta' appoġġ nazzjonali, reġjonali u lokali, speċjalment mudelli ta' negozju u disinn b'punt uniku ta' servizz;
 - tappoġġa l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri dwar modi kif jiġi indirizzat l-iżbilanċ soċjali u jittaffa l-faqar enerġetiku fl-oqfsa eżistenti, bħaċ-Ċentru ta' Konsulenza dwar il-Faqar Enerġetiku;
 - tiffinalizza l-ħidma tagħha malajr kemm jista' jkun rigward ir-rakkomandazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju li l-effiċjenza enerġetika tiġi l-ewwel, u tikkunsidra tabbozza gwida dwar l-applikazzjoni tagħha b'enfasi fuq ir-rinnovazzjoni tal-bini;

- tagħti pariri u tappoġġa lill-Istati Membri fl-ippjanar u fl-implimentazzjoni ta' miżuri ambizzjużi għar-rinnovazzjoni fil-kuntest tal-pjanijiet taġġhom għall-irkupru u r-reżiljenza, li għandhom jiġu kkomplementati bi gwida dwar il-qafas applikabbli tal-għajnuna mill-Istat, ir-rwol tal-ESCOs u impriżi privati oħra, u kif jiġi żgurat li investimenti privati permezz ta' Ikkuntrattar għall-Prestazzjoni tal-Enerġija u strumenti finanzjarji oħra jistgħu jiġu applikati fuq skala kbira fuq terminu medju u twil.
- tiżviluppa u timplimenta strateġija ta' involviment u komunikazzjoni f'kooperazzjoni ma' istituzzjonijiet oħra u taħdem fi sħubija mill-qrib mal-Kumitat tar-Reġjuni mhux biss biex tqajjem kuxjenza iżda wkoll biex timmotiva u tipperswadi lis-sidien tad-djar u tal-bini u b'hekk tħaffef l-adozzjoni mill-awtoritajiet pubbliċi u partijiet ikkonċernati oħra bħall-komunitajiet tal-enerġija lokali dwar il-mewġa ta' rinnovazzjoni; f'din l-istrateġija tikkondividi l-aħjar Prattiki dwar politiki u programmi ċċentrati fuq il-konsumatur biex jiġi ffaċilitat aktar l-użu ta' modifiki retroattivi mill-unitajiet domestiċi fil-livelli tal-UE, nazzjonali, reġjonali u lokali;
- taċċellera l-ħidma li għaddejja fuq l-apparati tat-tisħin u t-tkessiġ billi tirriklassifika t-tikketti tal-enerġija malajr kemm jista' jkun, tikkunsidra testendi t-tikketti tal-enerġija għall-ħiters tal-elettriku kollha u tħejji t-tneħħija gradwali tal-apparati tat-tisħin u tat-tkessiġ l-inqas effiċjenti li jaħdmu bl-elettriku, bil-gass u bi fjuwils fossili oħra;
- timmonitorja l-progress li jkun sar fl-implimentazzjoni tal-mewġa ta' rinnovazzjoni billi:
 - o tanalizza l-indikaturi tal-progress stipulati domestikament li jinsabu fl-istrateġiji ta' rinnovazzjoni fit-tul tal-Istati Membri li jkejlu l-evoluzzjoni tal-attività ta' rinnovazzjoni fil-livell Ewropew u r-rendiment fl-użu tal-enerġija tal-istokk tal-bini Ewropew, inkluż rinnovazzjonijiet profondi fejn applikabbli; għandha tiġi kkunsidrata l-ħtieġa li jiġi evitat kemm jista' jkun piż burokratiku u amministrattiv ulterjuri;

- l-iżvilupp ta' modi biex jiġu vvalutati l-impatti ekonomiċi tat-titjib miksub permezz tar-rinnovazzjoni u jiġi segwit l-effett tagħhom fuq is-suq immobiljari; u
- l-espansjoni tar-rapport ta' progress ġenerali dwar ir-rinnovazzjoni tal-istokk tal-bini nazzjonali previst fir-rapport biennali tiegħu dwar l-Istat tal-Unjoni tal-Enerġija f'rapport komprensiv dwar l-aspetti kollha tal-mewġa ta' rinnovazzjoni;
- tkompli tiżviluppa l-ħidma tagħha fuq id-diġitalizzazzjoni akbar tas-settur tal-bini u l-kostruzzjoni, inkluż billi tappoġġa l-implimentazzjoni tal-SRI volontarju;
- tistimola t-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid fil-ħiliet tal-forza tax-xogħol tas-settur tal-arkitettura, tal-inġinerija u tal-kostruzzjoni sabiex jiġu promossi prattiki u soluzzjonijiet imtejba li jiżguraw stokk tal-bini aktar effiċjenti u dekarbonizzati; tistabbilixxi inċentivi għall-akkwist pubbliku ekoloġiku fil-livell Ewropew;
- tirrikonoxxi u tifhem in-natura u l-prestazzjoni ta' forom tradizzjonali u tipiċi ta' kostruzzjoni u ta' materjali, u tibni l-kapaċità fil-kompetenzi meħtieġa biex isir xogħol xieraq ta' rinnovazzjoni tal-enerġija għal dawn it-tipi ta' kostruzzjoni;
- tippromwovi approċċ ċirkolari għall-użu ta' komponenti, materjali, teknoloġiji u prattiki ta' kostruzzjoni sostenibbli tal-bini, billi tindirizza r-rendiment tas-sostenibbiltà tal-prodotti tal-kostruzzjoni u tirveddi l-miri tal-irkupru tal-materjali għall-iskart tal-kostruzzjoni u tad-demolizzjoni u tiżviluppa passaporti diġitali tal-prodotti – sa fejn ikun possibbli – li jippermettu li l-materjali jiġu traċċati matul iċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom;
- teżamina l-opzjonijiet kollha għat-tneħħija gradwali tal-fjuwils fossili fit-tisħin u t-tkessiħ bl-aktar mod kosteffiċjenti li huwa allinjat mal-kisba tan-newtralità klimatika fl-UE sal-2050, u taħdem flimkien mal-Istati Membri fl-isforzi tagħhom biex jiksbu l-oġettivi ta' dekarbonizzazzjoni tagħhom u jidentifikaw l-aħjar soluzzjonijiet fil-livell nazzjonali; u
- tanalizza aktar kif l-istrateġija ta' mewġa ta' rinnovazzjoni tista' tikkontribwixxi biex tinkiseb iż-żieda fil-mira tal-UE ta' tnaqqis domestiku nett ta' mill-inqas 55 % tal-emissjonijiet ta' gass serra sal-2030 meta mqabbel mal-livelli tal-1990.